**Minuti tas-Sitta u Tlettin Laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar il-Ħamis, 10 ta' Diċembru 2009 fis-7:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Charles Said | Viċi Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Jonathan Buttigieg informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ma setax jattendi
Maria Natoli tat xi noti lis-Sindku sabiex jiġu diskussi iżda hi ma setgħetx tattendi.

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru 35 ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bhala dokument uffiċċjali.

3. **Suq fil-Miftuh.** Għandhom issiru laqgħat mal-bejjiegha tas-Suq fil-miftuħ sabiex il-bejjiegħa jiġu nfurmati li jrid jkollhom il-permessi kollha meħtieġa biex jieħdu sehem fis-suq nhar ta' Erbgħa fin-Nadur. Dan wara li l-Kunsill irċieva struzzjonijiet mingħand il-Ministeru tal-Finanzi dwar dan.

4. **Laqgħa għall-Anzjani.** Saret laqgħa għall-anzjani li jattendu id-Day Care Centre tan-Nadur u dawk li ħadu sehem fiż-żewġ attivitajiet li ġew organizzati mill-Kunsill f'dawn l-aħħar xhur. L-Onor. Chris Said kien preżenti sabiex iqassam basktijiet taċ-ċarruta lil dawn il-parteċipanti. Hu nforma lil dawk preżenti bl-inizjattiva ta' Lokalitajiet Indaf. Wara saret diskussjoni mal-ispettur Josric Mifsud dwar is-sigurta fid-djar. Kien hemm attendenza tajba għal din il-laqgha. Il-Kunsill fadalu numru ta' basktijiet taċ-ċarruta. Dawn ser jitqassmu waqt attivitajiet inkonnessjoni ma' l-indafa.

5. **Triq Dun Bernard Haber.** Il-Kunsill iddiskuta ix-xogħol ta' resurfacing li ser issir fi Triq Dun Bernard Haber. Il-Water Services Corportion qed titlob is-somma ta' €3918 għat-tibdil ta' mains u servizzi ta' l-ilma. Il-Kunsill approva li issir il-kuntratt mal-Water Services Corporation u jibda x-xogħol f'din it-triq. Is-Sindku semmiet laqgħa li hi kellha mas-Sindku Għawdxin flimkien mas-Segretarju Parlamenteri Chris Said fejn ġie diskuss il-Public Private Partnership biex jiġu asfaltati toroq li jinsabu fi stat ħażin. Sabiex jiġi aktar ċċarat din il-kwistjoni ser jiġi mitlub sabiex jattendi l-Onor Chris Said waqt is-seminar organizat mill-Kunsill li ser issir f'Jannar.

6. **Christmas Market.** Gie diskuss il-Christmas Market 2009. Kien hemm qbil li t-tinda li ntużat din is-sena kienet ħafna aħjar minn dik tas-sena ta' qabel. Hemm bżonn li jkun hemm aktar attrazzjonijiet bħal *demonstrations*. L-Istands tal-Christmas Market jistgħu jinħadmu mill-għaqdiet tan-Nadur kollha.

7. **Prezentazzjoni.** Kienu preżenti żewġ studenti tas-6th Form, Maria Vella u Deborah Saliba. Dawn għamlu preżentazzjoni tar-riżultati ta' survey li huma għamlu bħala proġett tas-Systems of Knowledge. Huma għandhom jibgħatu kopji tal-power point presentations lill-Kunsill.

8. **Korrispondenza.**

(2372) Email mingħand Dominque Halle dwar użu tat-Torri ta' Kenuna għall-tieġ.
(2373) Memo 79/2009 Mistoqsijiet Parlamentari
(2374) Memo 84/2009 Allokazzjoni Finanzjarja Ghas-sena 2010
(2375) Memo 83/2009 Mistoqsijiet Parlamentari
(2376) Kopja tal-Gazzetta tal-Gvern fejn jidhru ismijiet ġodda u tibdil fin-Nadur
(2377) Ittra mingħand Jennifer u Peter Hili dwar tranġar ta' Triq Guze Ellul Mercer
(2378) Memo 81 Tqassim ta' Memos lill-Kunsillieri u Avviżi u Kwotazzjonijiet fil-Gazzetti
(2379) Memo 82 Ftuh ta' Uffi`ini Amministrattivi
(2380) Ittra mis-Superjur tal-MUSEUM Subien dwar attivitajiet tal-Milied
(2381) Ittra mingħand L-Avukat Joshua Grech f'isem Michael Bugeja dwar il-kwotazzjoni ta' dawl tal-Christmas Market
(2382) Email mingħand mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar it-tender ta' ġbir ta' skart imħallat
(2383) Ittra mingħand L-Avukat L.R. Bianchi f'isem Gasan Mamo Insurance dwar in`ident li sar f' San Blas
(2384) Memo 78 Għeluq tas-Sena Finanzjarja
(2385) Memo 77 – Sit elektroniku
(2386) Memo 76 – Haddiema IPSL
(2387) Memo 74 Tagħrif dwar l-Impjegati tal-Kunsilli Lokali
(2388) Memo 73/2009 Mistoqsija Parlamentari
(2389) Memo 75 Tqassim ta' Memos lill-Kunsillieri
(2390) Ittra mill-Perit Robert Grech dwar ħlas tax-xogħol fuq il-barriera

9. **Triq Girgor Buttigieg.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand C. Camilleri dwar dgħajsa li hemm fi Triq Girgor Buttigieg. Hu talab biex il-Kunsill jieħu ħsieb ineħħi d-dgħajsa mit-triq peress li bħal issa hemm ħafna traffiku għaddej minn din it-triq (waqt li hemm ix-xogħol għaddej fi Triq il-Knisja). Is-Segretarja għandha tieħu ħsieb tkellem is-sid tad-dgħajsa.

10. **Skips.** Il-Kunsill irċieva talba mingħand residenti Maltin li għandhom flats fin-Nadur biex ikun hemm skip żgħir fi Triq l-Imgarr sabiex huma jkunu jistgħu jarmu l-iskart tad-dar nhar ta' Ħadd meta jkunu ser jirritornaw lura lejn Malta. Dan sabiex ma jhallux skart barra. Il-Kunsill ser jikkunsidra din it-talba. Is-Segretarja għandha titlob lill-kuntrattur ta' l-Iskips dwar prezzijiet ta' dawn l-iskips. Il-Kunsilliera qalu li huwa possibli li jitpoġġa skip żgħir is-Sibt filgħodu u jitneħħa t-Tnejn filgħodu fil-bidu tan-Nadur u n-naha tal-Mgarr.

11. **Proġett Ilwien.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kap ta' l-Iskola Agius de Soldanis dwar proġett imsejjaħ Ilwien. Dan il-proġett joffri studenti bi problemi soċjali opportunita sabiex jieħdu sehem f'diversi korsijiet. Parteċipanti oħra f'dan il-proġett huwa Dar Gużeppa Debono. Huma talbu l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li l-Kunsill jista' jgħin peress li ser ikun hemm fondi għal affarijiet soċjali li l-Kunsill jista' japplika għalihom. Waqt il-laqgha tas-Sindki gie deciz li l-Kunsilli kollha jaghtu l-appoġġ għal dan il-proġett.

12. **Żwieġ f'ta' Kenuna.** Il-Kunsill irċieva talba sabiex issir tieġ fil-Gnien ta' Kenuna. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

13. **Ismijiet ta' Toroq.** Gew approvati mill-Kumitat ta' Ismijiet tat-Toroq dawn l-ismijiet:

Pjazzetta Baveno
Triq il-Plier
Triq Għajn Berta

Is-Segretarja għandha tordna il-plakki bl-ismijiet ġodda.

14. **Kwotazzjoni.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Joshua Grech f'isem Michael Bugeja dwar l-għoti tal-kwotazzjoni tas-sistema tad-dawl għal Christmas Market 2009. Hu qal li l-offerta ta' Michael Bugeja kienet l-orħos waħda u għalhekk kellha tingħata lillu. Il-Kunsill għandu jibgħat risposta lura li tgħid li l-għażla ta' l-offerta hija fid-diskrezzjoni tal-Kunsill.

15. **Familja Qalb tad-Deheb.** Il-Kunsill irċieva ittra mill-Moviment ta' Kana dwar il-konkors "Familja Qalb tad-Deheb". Huma qegħdin jistienu nominazzjonijiet għal dan il-premju. Charles Said issuġġerixxa il-familja ta' Fr. Joshua Muscat, il-Familja Muscat – Antoinette u Carmel Muscat u wkoll Natalie u żewgha Tony. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din in-nominazzjoni. Is-Sindku ghandha tkellem lil Arcipriet tal-Qala biex jaghmel ittra ta' rikkomandazzjoni biex tintbaghat mall-applikazzjoni.

16. **Open Skips.** Il-Kunsill irċieva kontijiet ta' Awissu, Settembru u Ottubru mingħand il-Kuntrattur Joseph Mercieca. Il-kontijiet tiegħu ma qablux mar-rapporti ta' Ivan Xuereb li huwa l-attendent ta' fejn l-iskips. Il-Kunsilliera qalu li l-kontijiet għandhom jitħallsu skond ir-rapporti ta' Ivan Xuereb.

17. **Knis.** Il-Kunsill irċieva diversi lmenti dwar nuqqas ta' ndafa fl-inħawi tal-Ħali. Ġie allegat li dawn it-toroq mhux jiġu mnadfa. Il-Kunsill talab lill-kuntrattur sabiex jagħti bil-miktub il-ġranet meta kull triq qed tiġi miknusa.

18. **Sponsorship.** Il-Kunsill bgħat email lil Farsons dwar sponsorships għall-attivitajiet organizzati mill-Kunsill matul is-sena. Il-Kunsill m'rċievex risposta. Għalhekk il-Kunsill aċċetta l-isponsorship tal-General Soft Drinks Ltd. minn Diċembru 2009 sa Dicembru 2010. Il-Kunsill għandu jerġa' jkellem lid-ditti tal-birra dwar sponsorship.

19. **Seminar.** Il-Kunsill ser jerġa jorganizza seminar għall-kunsilliera fil-bidu ta' Jannar fejn ser jiġi diskuss diversi proġetti kapitali fosthom il-Pjazza, Triq Diċembru 13, Community Centre, Public Private Partnership. Dan għandu jsir jew fis-17 jew 24 ta' Jannar fl-lukanda. Is-Segretarja ghandha titlob kwotazzjoni ghal dan.

20. **Attivita tal-Milied.** Il-Kunsill ser jerġa jorganizza attivita' tat-tqassim ta' rigali lil dawk il-persuni fin-Nadur li ma joħorġux. Il-lista ta' dawn il-persuna

ser tinġabar mill-uffiċċju parrokjali. Il-Kunsill ser iqassam hamper wieħed lil kull residenza fuq il-lista. Din l-attivita ser issir nhar il-Ħadd 20 ta' Dicembru u ser jieħdu sehem iż-żgħażagħ, kemm mill-Kunsill taż-żgħażagħ kif ukoll mic-Centru Parrokkjali. Il-Kunsilliera huma mistiedna sabiex jieħdu sehem.

**21. Xatba.** Il-Kunsill ġie mitlub sabiex iwaħħal xatba fis-sqaq privat ta' quddiem il-Kunsill. Il-Kunsilliera ma qablux li l-Kunsill għandu jagħmel xogħol fejn huwa privat.

**22. Affarijiet Oħra.** Charles Said informa lill-Kunsill li hu ġie mitlub sabiex issir rampa ta' Leli Muscat ri Triq Ramla. Maria Natoli halliet xi noti dwar bżonn ta' aktar dawl fi Triq San Coronatu kantuniera ma Triq tad-Duru. Hemm bżonn aktar dawl fi Triq il-Knisja kantuniera ma Triq Lazzru Pisani. Hawnhekk riċentament twaħlet bozza ġdida. Il-Kuntrattur għandu jiġi avżat sabiex il-bozza iddur aktar għal fuq Triq il-Knisja. Maria Natoli ħalliet nota biex tfakkar fil-bżonn ta' sleeping policman fi Triq tad-Duru. It-tranġar ta' Triq ta' Said bit-tarmac ma sarx sewwa ghalhekk il-Kuntrattur ghandu jiltaqgha mal-Contract Manager halli jara x'jista jsir.

**23. Kontijiet.** Kontijiet li ġew approvati.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9083 | Nadur Local Council | 114.04 | Petty cash |
| 9084 | GO plc | 169.71 | telephone & fax line |
| 9085 | Peter Paul Buttigieg | 115.00 | internet updating |
| 9086 | Curtain Raiser Entertainment | 413.00 | Christmas Market |
| 9087 | Spectrum Band | 350.00 | Wine Festival |
| 9088 | Dominic Dept. Stores | 21.00 | balloons for Christmas Market |
| 9089 | Saviour Meilak | 113.05 | Public Convenience November |
| 9090 | Oliver Farrugia | 708.00 | Signs |
| 9091 | KIP Ghawdex Ltd. | 2384.37 | refuse collection |
| 9092 | Leo's Garage Paramount | 146.32 | hire of transport |
| 9093 | Waste Serv Malta Ltd. | 296.59 | bring in site |
| 9094 | J&J Plant & Pet Shop | 15.00 | funeral wreath |
| 9095 | Camilleri & Mifsud | 413.85 | street lighting |
| 9096 | Galea Curmi Eng. Cons. | 96.62 | contract manager street lighting |
| 9097 | Richard Attard | 1804.00 | water |
| 9098 | Gatt Tarmac Ltd. | 162.42 | patching material |
| 9099 | Portelli Print | 306.80 | printing |
| 9100 | Smart Office Supplies Ltd. | 31.96 | stationery |
| 9101 | Elizabeth Azzopardi | 46.60 | Oct & Nov office cleaning |
| 9102 | Joe Mifsud | 66.50 | Gnien san blas November |
| 9103 | Joe Mifsud | 62.70 | Tal Hali November |
| 9104 | Gebuba Wine Bar | 48.05 | car show |
| 9105 | Zephyr Garage | 81.00 | Transport |
| 9106 | Larrry Grima | 100.00 | recycling art course |
| 9107 | John Ivan Xuereb | 1061.45 | Nov skip attendant & street sweeping |
| 9108 | Saviour Xiberras | 1612.62 | November handyman, stree sweeping & Soft areas |
| 9109 | Maxine C. Attard | 60.00 | artwork |
| 9110 | Joseph Cauchi | 321.00 | reimbursement and November |

| | | |
|---|---|---|
| 9111 Ghaqda Armar Triq Dic. 13 | ..........120.00 | poinsietta plants |
| 9112 Joe Cassar | ..................................149.32 | Christmas decorations for shelter |
| 9113 Mary Rose Grima | .........................100.00 | November day care centre |
| 9114 Concetta Mifsud | ..............................25.00 | November day care centre |
| 9115 Gemma Zammit | ...........................140.00 | November day care centre |
| 9116 PUMA ERREA Sportswear Shop | ..200.00 | bags |
| 9117 Mary Attard | ....................................67.08 | November library extra hours |
| 9118 Sue Ellen Bugeja | ............................72.75 | Lollipops for Christmas Market |
| 9119 James Azzopardi | ..........................177.00 | Shelter for Christmas Market |
| 9120 Ray's Catering Service | .................335.00 | Jum il-Kunsill activities |
| 9121 Carmel Camilleri | ...........................299.00 | Oct & Nov Street Sweeping |
| 9122 Joseph Mercieca | ........................2580.60 | Open Skips Aug-Oct |
| 9123 Kumitat Kunsilli | .............................100.00 | tender for altnernative energy |
| 9124 P&J Debono Bros | .......................1846.82 | cement works |
| 9125 Oliver Farrugia | ............................ ..70.00 | Merħba Sign |
| 9126 Downtown Hotel | ..........................5600.00 | Accomodations |

**Total€23,004.22**

Il-laqgħa ntemmet fid-9:15 p.m.